



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Ġunju 2009 (24.06)
(OR. fr)**

**10686/2/08
REV 2**

PUBLIC 78

NOTA

Suġġett: **SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL
DIĊEMBRU 2007**

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju tal-atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2007. Dan hu akkumpanjat, fl-**Anness II**, b'dikjarazzjonijiet għall-minuti li huma disponibbli għall-pubbliku. Is-sommarju jsemmi wkoll il-voti eventwali kontra u l-astensjonijiet, l-isjegazzjonijiet tal-vot, kif ukoll ir-regoli tal-votazzjoni.
- fl-**Anness III**, sommarju tal-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill fi Diċembru 2007, b'referenza, fejn ikun il-każ, għar-riżultati tal-votazzjoni, l-isjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet: <http://consilium.europa.eu>, Taqsima "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti msemmija fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-Reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill <http://register.consilium.europa.eu>.

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (aċċessibbli permezz tal-indirizz elettroniku: <http://consilium.europa.eu>, Taqsima "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill"). L-estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tat-Trasparenza fl-indirizz transparency@consilium.europa.eu.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'ambitu limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2836 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), 4 ta' Diċembru 2007 Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għas-sena ta' sajd 2008, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 104/2000	15281/07 + COR 1 (da) + COR 2 (lv)		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2838 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), 6 u 7 ta' Diċembru 2007 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha	6262/07 + COR 1 (da)		unanimità	L-Istati Membri kollha favur

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika tal-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika tal-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakkja	14598/07 + COR 1 (fi)		unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Parti 1 tan-netwerk ta' konsultazzjoni ta' Schengen	15202/07		unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Proċedura bil-miktub kompletata fil-10 ta' Diċembru 2007				
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill li temenda l-ftehim interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali	16265/07		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: kontra: DE, PL
L-2841 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) is-17, it-18 u d-19 Diċembru 2007				

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi	14219/07		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 386/90 dwar is-sorveljanza mwettqa fil-waqt tal-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċevu rifużjonijiet jew ammonti oħra	13495/07 + COR 1		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 41/2007, rigward l-opportunitajiet tas-sajd u kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut	15585/07 + REV 1 (lv)	196/07 (COM)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 520/2007	15688/07 + REV 1 (sv) + REV 2 (lv)	197/07 (Kunsill, COM) 198/07 (COM) 199/07 (COM)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti awtonomi ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali	15418/07 + REV 1 (lt) + REV 2 (mt)		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJ IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi b'mod temporanju d-drittijiet (awtonomi) tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd	15419/07 + COR 1 (bg) + REV 1 (lt) + REV 1 COR 1 (lt) + REV 2 (mt)		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel	PE-CONS 3629/2/07 REV 2		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel fir-rigward tas-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni	PE-CONS 3628/3/07 REV 3		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3652/2/07 REV 2		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJ IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-firxa tal-viżjoni u l-wipers tal-windscreen għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kodifikata)	PE-CONS 3653/1/07 REV 1		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm Komunitarju ta' tikettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju (verżjoni mfassla mill-ġdid)	PE-CONS 3646/1/07 REV 1		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: DE
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet rigward l-Estonja	PE-CONS 3687/1/07 REV 1		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi flivell Ewropew u regoli dwar il-finanzjament tagħhom	PE-CONS 3688/2/07 REV 2		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituw u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89	PE-CONS 3631/7/07 REV 7	200/07 (COM, Kunsill) 201/07 (COM) 202/07 (PL) 203/07 (SE)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: LT kontra: SE, PL
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tad-data għall-introduzzjoni ta'identifikazzjoni elettronika għall-annimali ovini u kaprini	16290/07 + COR 1 (it) + REV 1 (es) + REV 1 COR 1 (es)	204/07 (IT, ES) 205/07 (UK appoġġata minn SK+ IE + DE)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: kontra: ES, IT
L-2842 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), 20 ta' Diċembru 2007				
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi, għall-2008, l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom applikabbli fil-Baħar l-Iswed għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut	15863/07	206/07 (COM) 207/07 (BU)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jwassal għal sospensjoni temporanja tad-dazji tad-dwana fuq l-importazzjoni ta' ċerti ċereali għas-sena finanzjarja ta' bejgħ 2007/2008	15840/07		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2100/94 fir-rigward tal-jedd ta' reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għal dritt ta' varjetà ta' pjanti fil-Komunità	14695/07		unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franza tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-petrol bla ċomb użat bħala karburant u destinat għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE	15285/07		unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Kunsill dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazju tas-sisa fuq oġġetti importati minn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi	16490/07 + REV 1 (pt) + REV 2 (lv) + REV 3 (mt)	211/07 (Kunsill) 212/07 (COM)	unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KEE fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud	16172/07 + COR 1 (lv)	213/07 (Kunsill, COM) 214/07 (MT)	unanimità	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: FR

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJ IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Renju Unit ikompli japplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 169 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud	16446/07 + REV 1 (hu)		unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-"Impriża Konġunta ARTEMIS" għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter	15969/4/07 REV 4	220-221/07 (COM) 222/07 (DE) 223/07 (FR, DE)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta "Clean Sky"	15970/07 + REV 1 (en) + REV 2 (hu) + REV 3 (es) + REV 4 (ro) + REV 5 (bu) + REV 6 (pl) + REV 7 (el) + REV 8 (fi) + REV 9 (sl) + REV 10 (pt)	224/07 (COM) 225/07 (DE) 226/07 (COM) 227/07 (ES, DK)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIĊEMBRU 2007				
TITOLI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi "Impriża Konġunta ENIAC"	15974/1/07 REV 1 + REV 2 (fi)	228-229/07 (COM) 230/07 (DE) 231/07 (DE, FR)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi	15977/07	232/07 (COM) 233/07 (DE)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

L-2839 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERN), 10 ta' Diċembru 2007

DIKJARAZZJONI 194/07

Dikjarazzjoni tal-Ġermanja

Il-Ġermanja tinnota b'diżappunt li t-traduzzjonijiet tal-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal fil-lingwi uffiċjali tal-UE, inkluż il-Ġermaniż, ma ġewx ippreżentati fl-iskadenza preskritta għall-adozzjoni tal-Linji Gwida fil-laqgħa tal-Kunsill fl-10 ta' Diċembru. Il-Ġermanja tistenna li ssir disponibbli traduzzjoni bil-Ġermaniż malajr kemm jista' jkun.

Il-qbil għall-adozzjoni tal-Linji Gwida msemmin hawn fuq huwa mingħajr preġudizzju għal każijiet fil-futur fejn dokumenti għal diskussjoni fil-Kunsill ma jkunux ġew tradotti b'mod komplet għall-Ġermaniż fi żmien debitu.

Proċedura bil-miktub kompletata fil-14 ta' Diċembru 2007

DIKJARAZZJONI 195/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tinnota li l-proposta tagħha kellha bħala bażi legali l-Artikolu 133 (1) u (5) flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 300 (2). Il-Kunsill żied il-paragrafu 6 tal-Artikolu 133, u l-Artikoli 71 u 80 (2) u flimkien ma' dan ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill adottaw Deċiżjoni li tapprova l-adeżjoni tal-Ukraina mad-WTO. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proposta tagħha nkludiet l-bażi legali korretta u hija tal-fehma li d-deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill ma kinitx meħtieġa. Konsegwentement il-Kummissjoni tirriserva d-dritt tagħha li tagħmel użu mill-mezzi legali kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha".

L-2841 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) is-17, it-18 u d-19 Diċembru 2007

DIKJARAZZJONI 196/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-proposta biex jiġi pprojbit is-sajd kollu sabiex jitħarsu l-abitanti fl-ilmijiet profondi f'erba' siti proposti tan-Natura 2000 'l barra mill-kosta tan-Nofs in-nhar u tal-Punent tal-Irlanda ma ġietx aċċettata mill-Kunsill f'din l-emenda tar-Regolament 41/2007.

Il-Kummissjoni ttenni l-impenn tagħha biex timplimenta l-miżuri skont il-PKS kull meta huwa meħtieġ sabiex tħares l-abitats sensittivi fl-ilmijiet profondi minn effetti detrimental ta' tekniki tas-sajd. Il-Kummissjoni ser tinkludi l-projbizzjoni fuq l-attivitajiet kollha tas-sajd f'dawn iż-żoni fil-proposta għar-Regolament li jiffissal-opportunitajiet tas-sajd għall-2008 u kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji u, għal bastimenti Komunitarji, fl-ilmijiet fejn jenħtieġu limitazzjonijiet ta' qbid, peress li hemm urġenza għal leġislazzjoni dwar il-ħarsien ta' dawn is-siti bħala parti min-netwerk NATURA 2000, u peress li tfitteż parir xjentifiku u ġew ikkonsultati l-korpi rilevanti (RACs). Sussegwentement dawn il-miżuri ser jiġu inklużi fil-proposta li ġejja dwar il-miżuri tekniċi."

DIKJARAZZJONI 197/07

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma konxji li d-dispożizzjonijiet previsti mill-Artikolu 4 tar-Regolament attwali jirrinfurzaw id-dispożizzjonijiet fil-qafas tal-Pjan għall-Irkupru tat-Tonn. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti lill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi promossa l-adozzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-livell tal-ICCOT mill-Partijiet Kontraenti meta ssir ir-reviżjoni tal-Pjan fl-2008.

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-ħidma preparatorja għal-laqgħa annwali tal-ICCOT f'Novembru 2008 rigward ir-reviżjoni possibbli tal-Pjan għall-Irkupru tat-Tonn, il-Kummissjoni ser tevalwa l-mezzi ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-miżuri tekniċi previsti fil-Pjan, u, jekk meħtieġ, ser tippreżenta proposti adatti lill-Kunsill biex il-Pjan jiġi adattat.

Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet li jidhru fir-rapport tal-Parlament Ewropew ser jitqiesu mill-Kummissjoni fil-kuntest tar-reviżjoni tal-2008 li ser titwettagħ abbażi ta' parir ġdid xjentifiku.

DIKJARAZZJONI 198/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

L-Artikolu 29 - "Finanzjament"

Minħabba l-qafas speċifiku stabbilit taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni ser teżamina b'mod favorevoli, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 24(2), il-possibbiltà li jiġu estenzi l-limiti għall-kontribut finanzjarju mill-FES għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006. Dwar:

DIKJARAZZJONI 199/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Artikolu 22 - "Kontroll fil-port jew fl-azjenda"

Il-Kummissjoni tikkunsidra li skont l-Artikolu 25 huwa ċar li l-osservaturi huma responsabbli biex josservaw u jimmonitorjaw l-konformità tat-tkabbir. Hija r-responsabbiltà tal-osservaturi li jivvalidaw ir-rapport tal-għeluq fil-gaġeġ. Barra minn hekk dan ir-regolament jipprevedi li kull Stat Membru li taħt il-Ġurisdizzjoni tiegħu tinsab l-azjenda ta' tismin jew ta' tkabbir tat-tonn għandu jiżgura l-preżenza ta' osservaturi matul it-trasferiment kollu tat-tonn lejn il-gaġeġ u l-ħsad kollu ta' ħut mill-azjenda.

DIKJARAZZJONI 200/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni u l-Kunsill

dwar l-ittikkettar tad-dolċifikanti

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu dwar il-ħtieġa li jkunu adottati mill-iktar fis possibbli r-regoli għall-ittikkettar ta' ingredjenti għal xorb spirituw kif imsemmi fid-Direttiva 2000/13/KE.

DIKJARAZZJONI 201/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

dwar il-livell ta' kontenut permissibbli ta' aċidu idroċjaniku ta' karbamat etiliku rigward id-diskussjoni dwar il-proposta dwar xorb spirituw

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kwistjoni dwar il-kontenut permissibbli ta' aċidu idroċjaniku u karbamat etiliku f'xorb spirituw hija kwistjoni ta' Saħħa Pubblika.

Is-servizzi tal-Kummissjoni ser iwettqu investigazzjoni ta' din il-kwistjoni mill-iktar fis possibbli bil-ħsieb li jkunu ppreżentat data xjentifika u proposti possibbli biex ikun ikkunsidrat mill-ġdid il-kontenut massimu għal aċidu idroċjaniku u jkun stabbilit kontenut massimu għal karbamat etiliku f'xorb spirituw tal-karfa tal-frott tal-għadma magħsur u xorb spirituw tal-frott tal-għadma.

DIKJARAZZJONI 202/07

Dikjarazzjoni mill-Polonja

dwar il-vodka

Il-protezzjoni tar-reputazzjoni tad-denominazzjoni tal-bejgħ ta' kull xarba alkoħolika ta' importanza għall-Unjoni Ewropea hija fl-interessi usa' kemm tal-konsumaturi kif ukoll ta' impriżi li jbigħu prodotti fis-suq intern u jesportaw prodotti lill-pajjiżi terzi. Hija wkoll essenzjali biex jiġi żgurat li materja prima li toriġina mit-territorju tal-Unjoni Ewropea tintuża fil-produzzjoni ta' dan ix-xorb.

"Vodka" hija d-denominazzjoni tal-bejgħ ta' xorb spirituż li l-bejgħ tiegħu jammonta għal proporzjon sinifikanti ta' bejgħ ta' xorb spirituż. Ix-xorb spirituż kkummerċjalizzat taħt id-denominazzjoni tal-bejgħ "vodka" attwalment qed igawdi minn żieda sostanzjali fil-popolarità fost il-konsumaturi, b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-OECD.

Il-permess taħt il-liġi tal-UE għall-użu tad-denominazzjoni tal-bejgħ "vodka" biex tiddekrivi prodotti manifatturati minn materja prima barra minn ċereali u patata użati tradizzjonalment iwaqqa' r-reputazzjoni tal-vodka u jkollu impatt negattiv fuq il-kwalità u l-pożizzjoni fis-suq futura tagħha. Il-Polonja jiddispijaċiha għall-fatt li d-distinzjoni tad-definizzjoni bejn iż-żewġ gruppi ta' materja prima m'hi marbuta ma' ebda protezzjoni legali speċjali u effettiva għad-denominazzjoni tal-bejgħ "vodka" fil-każ ta' prodotti manifatturati minn materja prima tradizzjonali. Dan hu wara kollox l-oġettiv fundamentali tal-att legali fir-rigward tax-xorb spirituż l-ieħor kollu.

It-tbeġhid mill-metodoloġija tad-denominazzjoni tal-bejgħ adottata fir-Regolament u r-referenza sempliċi għad-dispożizzjonijiet orizzontali tad-Direttiva 2000/13/KE, li japplikaw għall-oġġetti kollha tal-ikel, rigward l-indikazzjoni tal-isem ta' materja prima mhux tradizzjonali fuq it-tikketta - l-Artikolu 13(2) - ixejjen l-għan bażiku tar-Regolament, li huwa dak li jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali għal xorb spirituż f'att legali separat. Dan l-approċċ ser iwassal għall-possibbiltà li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni mhux eżatt jew indiretta dwar il-materja prima użata biex jiġi prodott l-alkoħol; bħala riżultat, il-konsumaturi jistgħu jiġu żgwidati. Din is-soluzzjoni ma ġietx applikata għal kwalunkwe xarba alkoħolika oħra jew għad-denominazzjoni tal-bejgħ ta' kwalunkwe prodott ieħor li l-isem tiegħu huwa protett b'mod speċjali u regolat speċifikament fil-livell Komunitarju.

Id-definizzjoni ta' vodka li ġiet adottata ma tissalvagwardjax l-interessi ta' dawk li jipproduċu l-vodka minn materja prima tradizzjonali, li jipproduċu 98 % tal-vodka kollha prodotta fl-UE (b'konformità ma' produttori dinjija oħra bħar-Russja, l-Ukraina u l-Kanada). Dan ifisser li produttori futuri ta' vodkas ġodda magħmulin minn materja prima mhux tradizzjonali awtomatikament ser ikunu jistgħu jibbenefikaw awtomatikament mill-benefiċċji tar-reputazzjoni miksuba tul ħafna snin minn vodkas prodotti minn materja prima tradizzjonali.

Dan jikkostitwixxi liċenzja biex isiru esperimenti u ssir tfittxija għal materja prima rħisa fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew f'pajjiżi terzi. Għalhekk l-effetti ta' din id-deċiżjoni ser jinħassu mhux biss mill-produtturi u l-konsumaturi, iżda wkoll minn produttori ta' alkoħol etiliku u minn bdiewa tal-UE li ilhom ifornu l-materja prima użata biex issir il-vodka għal ħafna snin.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja topponi l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89.

DIKJARAZZJONI 203/07

Dikjarazzjoni mill-Isvezja

dwar il-brännvin u l-vodka mogħtija togħma oħra

"Brännvin":

L-Isvezja topponi l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż għar-raġunijiet li ġejjin: ir-Regolament jonqos milli jieħu kont tat-tradizzjonijiet Svediżi u tal-użu lingwistiku Svediż, u ma jsegwix il-pożizzjoni komuni appoġġata mill-Isvezja dwar l-użu tat-termini "spirtu, xorb spirituż u brännvin".

Billi t-terminu "brännvin" ma jidhirx fir-Regolament, aħna nqisu li, skont it-tradizzjoni Svediża u l-użu lingwistiku Svediż, għandna l-libertà nużaw il-kelma "brännvin" fl-ittikkettar, il-preżentazzjoni u d-deskrizzjoni ta' xorb spirituż u oġġetti tal-ikel oħra.

Vodka mogħtija togħma oħra:

L-Isvezja tqis ukoll li għandhom japplikaw l-istess regoli għall-ittikkettar tal-materja prima kemm għall-kategorija tal-vodka kif ukoll għall-kategorija tal-vodka mogħtija togħma oħra, billi l-għan ta' dan l-ittikkettar huwa li tingħata informazzjoni ċara lill-konsumatur.

DIKJARAZZJONI 204/07

Dikjarazzjoni mid-Delegazzjonijiet Taljana u Spanjola

Id-delegazzjonijiet Taljana u Spanjola jesprimu n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom għall-kontenut tal-proposta għal emenda tar-Regolament Nru 21/2004 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-identifikazzjoni elettronika tal-annimali ovini u kaprini u dwar ir-raġunijiet mogħtija li kkaratterizzaw id-diskussjonijiet tekniċi relatati.

Ir-Regolament, li kien jistabbilixxi l-1 ta' Jannar 2008 bħala d-data obbligatorja għall-identifikazzjoni elettronika tal-annimali ovini u kaprini, kien ippreveda perijodu transitorju ta' 4 snin li matulhom l-Istati Membri kellhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan l-obbligu.

Biex jaslu għal din id-data fl-aħjar kondizzjonijiet, l-Italja u Spanja involvew riżorsi finanzjarji u umani importanti fil-proġett. Dawn l-isforzi rriżultaw fi tnaqqis fl-effikaċja tal-miżuri nazzjonali minħabba li ma ntlaħaqx l-istess riżultat fil-livell Komunitarju.

Minkejja li ġew rikonoxxuti d-diffikultajiet li xi Stati Membri kellhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-identifikazzjoni elettronika sal-iskadenzi previsti fir-Regolament, ir-raġunijiet mogħtija rigward il-problemi tekniċi u ekonomiċi li jxekklu l-introduzzjoni tal-identifikazzjoni elettronika sal-2008, jidhru li mhumiex faċilment aċċettabbli u, fuq kollox, ma jistgħux jiġu riżolti permezz tal-posponiment tad-data proposta.

Il-posponiment sal-31 ta' Diċembru 2009 tal-introduzzjoni tal-identifikazzjoni elettronika jfisser il-posponiment ukoll sa dik id-data tal-implimentazzjoni ta' impenji oħrajn previsti mir-Regolament li jirrenduh diffiċilment applikabbli (u ftit li xejn utli), bir-riperkussjonijiet inevitabbli fuq is-settur kollu tar-reġistrazzjoni tal-ovini u l-kaprini.

Għaldaqstant, l-Italja u Spanja jivvutaw kontra l-adozzjoni tal-proposta għal emenda tar-Regolament Nru 21/2004.

DIKJARAZZJONI 205/07

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit appoġġata mis-Slovakkja u l-Irlanda

Ir-Renju Unit jappoġġa differiment tal-introduzzjoni tal-Identifikazzjoni Elettronika obligatorja għal nġhaġ u mogħoż. Madankollu, fid-dawl tal-perijodu ta' żmien li skada mill-ftehim tar-Regolament oriġinali, ir-Renju Unit isejjaħ lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-valutazzjoni tal-impatt tagħha, b'kont meħud tal-ispiża għall-industrija u l-korpi tal-infurzar, u l-impatt tar-Regolament (KE) 21/2004 dwar il-kompetittività tal-industrija tan-nġhaġ u l-baqar tal-UE, sabiex ikun ikkonfermat, qabel id-dħul fis-seħħ tal-EID, jekk l-oġettivi tar-Regolament huma sodisfatti bil-mod l-aktar kost-effettiv.

DIKJARAZZJONI 206/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament huwa l-ewwel pass biex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet għall-isfruttar sostenibbli tas-sajd fil-Baħar l-Iswed, biex b'hekk titjieb l-istabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd fil-Bulgarija u r-Rumanija. Wara l-ażżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, l-oportunitajiet tas-sajd u l-miżuri tekniċi tranżitorji qed jiġu ffissati għall-2008 għall-ewwel darba, abbażi ta' data ppreżentata għall-konsiderazzjoni miż-żewġ Stati Membri u b'kont meħud tal-kummenti tas-STEFCF tad-9 ta' Ottubru 2007. Għandha tiġi promossa l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' sajd ma' pajjiżi terzi b'konfini mal-Baħar l-Iswed u għandha tiġi esplorata l-possibbiltà li tiġi stabbilita Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd.

DIKJARAZZJONI 207/07

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Bulgara

Il-Bulgarija tilqa' d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni waqt li tissottolinja mill-ġdid li dan ir-regolament huwa biss l-ewwel pass lejn proċess twil għat-twaqqif ta' regoli komunitarji tajbin għall-Baħar l-Iswed. Huwa ċar li ser ikollhom jinbdeu aktar studji xjentifiċi sabiex tiddaħħal id-data ta' riċerka nieqsa. Għalhekk, u fil-kuntest tan-negozjati futuri dwar is-sajd ma' Stati mhux Membri tal-Unjoni Ewropea b'konfini mal-Baħar l-Iswed, natribwixxu għal dan ir-regolament karattru transizzjonali bl-ebda funzjoni li twaqqaf preċedent għall-futur.

DIKJARAZZJONI 208/07

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Il-Kunsill jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti, fin-nota informattiva dwar l-introduzzjoni tal-proċeduri preliminari mill-qrati nazzjonali, l-indikazzjonijiet utli għal dawn il-qrati fir-rigward tal-każijiet li fihom tista' tintalab l-implimentazzjoni tal-proċedura preliminari ta' urġenza, b'mod partikolari minħabba l-iskadenzi qosra imposti mid-dritt nazzjonali jew Komunitarju jew minħabba implikazzjonijiet serji għall-persuna kkonċernata. Il-Kunsill jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tapplika l-proċedura preliminari ta' urġenza f'sitwazzjonijiet li jipprojbixxu l-libertà.

Il-Kunsill jinnota l-intenzjoni tal-Qorti li tiegħu ħsieb, dejjem waqt li jittieħed kont tal-grad ta' urġenza tal-każ, li l-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, biex iħejju osservazzjonijiet bil-miktub eventwali, kif ukoll biex iħejju s-sottomissjonijiet tagħhom, iż-żmien u t-traduzzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw parteċipazzjoni effettiva u utli fil-proċedura. Il-Kunsill jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiżgura li l-iskadenza f'dan ir-rigward fil-prinċipju ma tkunx inferjuri għal 10 ijiem ta' xogħol, u biex tadatta l-proċedura orali għall-ħtiġijiet tal-proċedura ta' urġenza. Il-Kunsill jinnota li l-proċedura preliminari ta' urġenza għandha tiġi konkluża fi tliet xhur.

Finalment, il-Kunsill jinnota l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura, bħalma tagħmel għal kull proċedura quddiemha, it-trasparenza fl-applikazzjoni tal-proċedura preliminari ta' urġenza u jitlobha li tippreżenta, mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-proċedura rapport - fejn l-informazzjoni li toħroġ minnu tiġi aġġornata annwalment - dwar l-implimentazzjoni tagħha u b'mod partikolari l-prattika segwita mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-deċiżjonijiet li titnieda jew le l-proċedura ta' urġenza.

DIKJARAZZJONI 209/07

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana

"Il-Belġju jqis li l-fatt li, fid-dikjarazzjoni annessa għall-minuti tal-Kunsill, huwa previst li mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-proċedura b'urġenza l-ġdida l-Qorti ser tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha, jindika biċ-ċar li, jekk ikun il-każ, ser isir dak li jkun meħtieġ sabiex id-dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu riveduti."

DIKJARAZZJONI 210/07

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja tikkunsidra li d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill sabiex timplimenta l-Artikolu 205(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Artikolu 118(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea m'għandhiex titqies bħala preċedent għad-definizzjoni jew l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "popolazzjoni" b'referenza għall-maġġoranza kwalifikata fil-qafas tat-Trattat il-ġdid ta' Lisbona.

Għaldaqstant l-Italja tisħaq il-ħtieġa li jinbeda, fi żmien debitu, dibattitu dwar il-kriterji li abbażi tagħhom għandu jiġi ddeterminat il-kunċett ta' "popolazzjoni Ewropea" ladarba t-Trattat il-ġdid jidħol fis-seħħ.

DIKJARAZZJONI 211/07

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

"Il-Kunsill jiddikjara li l-Artikoli 1 sa 16 ta' din id-Direttiva u d-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet għall-persuni li jkunu qed jivvjaġġaw li jidhru fir-Regolament li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 918/83 li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet minn dazju doganali għandhom japplikaw mill-istess data."

DIKJARAZZJONI 212/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni hija lesta, fiċ-ċirkostanza ftit probabbli li ma jkun intlaħaq l-ebda qbil sat-tmiem Marzu 2008 dwar ir-Regolament doganali li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 918/83, li tadatta jekk ikun meħtieġ il-proposta tagħha b'tali mod li tkun possibbli l-adozzjoni tal-parti li tikkonċerna l-allowances għall-persuni li jkunu qed jivvjaġġaw, sabiex l-Istati Membri jkollhom żmien biżżejjed biex jittrasponu din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali tagħhom."

DIKJARAZZJONI 213/07

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni **Rigward id-Direttiva kollha**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li l-estensjoni tar-regoli transitorji fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar ir-rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud ma tippreġudikax id-diskussjonijiet ġenerali li għad iridu jinżammu dwar ir-ridefinizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rati mnaqqsin ta' taxxa fuq il-valur miżjud u, abbażi ta' dan, jafferimaw li r-regoli transitorji previsti fit-Trattati tal-adeżjoni mhux ser jiġu estiżi aktar."

DIKJARAZZJONI 214/07

Dikjarazzjoni minn Malta

Rigward l-Artikolu 127

"Malta tfakkar fid-Dikjarazzjoni 37 tat-Trattat tal-Adeżjoni tagħha u tissottolinja li l-aċċettazzjoni tagħha ta' perijodu transitorju sal-31 ta' Diċembru 2010 għaż-żamma tar-rata ta' 0 % ta' VAT tagħha, minflok ir-rata mnaqqa ta' 5 % fuq il-fornimenti ta' oġġetti tal-ikel u prodotti farmaċewtiċi, u l-aċċettazzjoni tagħha tad-Dikjarazzjoni għandha tiddaħħal fil-minuti dwar id-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar ir-rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud approvata mill-Kunsill u l-Kummissjoni fl-4 ta' Diċembru 2007, hija bbażata fuq il-premessa li l-perijodu transitorju msemmi fl-Anness 28(1) tas-Sitt Direttiva dwar il-VAT u l-Artikolu 402 tad-Direttiva 2006/112/KE jiskadi f'dak il-jum."

DIKJARAZZJONI 215/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-proposta/deċiżjoni tal-Kunsill li ssir kontribuzzjoni ta' € 3.2 biljuni fl-2008 għall-finanzjament tal-FEŻ. Abbażi tal-aktar previżjonijiet reċenti li saru mill-Kummissjoni u l-BEI, dan ser iwassal għal nuqqas ta' likwidità li jlaħħaq l-€ 400 miljun, skont id-data eżatta tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim rivedut ta' Kotonù.

Sa mill-2001, bl-appoġġ tal-Istati Membri, il-Kummissjoni kienet qed twettaq riforma radikali tal-ġestjoni tal-ġhajjnuna esterna tal-KE biex tindirizza l-isfida ta' titjib fl-effettività, il-ħeffa u l-kwalità. Il-Kummissjoni rnexxielha tirbaħ din l-isfida. Id-9 FEŻ ser ikun impenjat għal kollox sa tmiem l-2007. Din hija l-ewwel darba li l-FEŻ ġie impenjat qabel id-dħul fis-seħħ tal-FEŻ li jmiss. Ġew immedja inizjattivi ġodda ewlenin fl-infrastruttura, l-ilma, l-enerġija u ż-żamma tal-paċi fl-Afrika. Il-livell annwali ta' spejjeż f'ġhajjnuna żdied b'mod stabbli, f'konformità mal-impenji internazzjonali dwar iż-żieda fl-ġhajjnuna. Il-livell tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ għall-2008 mitlub mill-Kummissjoni huwa konsistenti għal kollox ma' din ix-xejra.

Il-proposta/deċiżjoni tal-Kunsill ser tpoġġi friskju dawn il-kisbiet billi tippriva lill-Kummissjoni mir-riżorsi finanzjarji meħtieġa għas-sostenn tal-progress imsemmi hawn fuq. Il-Kummissjoni għalhekk mhix ser tkun f'pożizzjoni li tissodisfa parti mill-obbligi kuntrattwali u legali tagħha lejn il-partijiet terzi sa tmiem l-2008.

Dan ser jikkoinċidi mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim rivedut ta' Kotonù kif ukoll mat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija UE-Afrika li ser tkun maqbula f'Lisbona din il-ġimgħa. Sitwazzjoni bħal din, li fiha l-Kummissjoni ma tistax twettaq l-impenji tagħha, mhix ser tkun ġustifikabbli politikament fil-konfront tal-imsieħba tagħna tal-AKP.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex jipprovdi r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi politiċi u legali tagħha. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri individwali biex iħallsu l-ammont sħiħ tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-2008 mitlub mill-Kummissjoni

DIKJARAZZJONI 216/07

Dikjarazzjoni minn Franza

"L-awtoritajiet Franċiżi jixtiequ jfakkru l-importanza li huma jagħtu lill-programmi ffinanzjati mill-FEŻ. Huma jtennu l-appoġġ tagħhom għall-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp imwettqa permezz ta' dan l-istrument finanzjarju lejn il-pajjiżi AKP u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej.

Madankollu huma jiġbdu l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu adottati kontributi li huma sostenibbli f'termini baġitarji għall-Istati Membri u f'perijodi ta' żmien kompatibbli mal-proċeduri baġitarji interni tagħhom.

L-awtoritajiet Franċiżi jixtiequ jfakkru l-importanza li jagħtu lill-programmi ffinanzjati mill-FEŻ.

Huma jisħqu l-appoġġ tagħhom għall-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp mmexxija permezz ta' dan l-istrument finanzjarju fid-direzzjoni tal-pajjiżi AKP u tal-PTB."

DIKJARAZZJONI 217/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

dwar regoli ta' oriġini

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament tal-FSE dwar l-aċċess għas-suq, b'konformità mad-direttivi tan-negozjati tal-FSE, tinkorpora titjib f'oqsma speċifiċi tar-regoli ta' oriġini attwali stabbiliti fil-protokoll dwar ir-regoli ta' oriġini fil-Ftehim ta' Kotonù. Dan it-titjib huwa fl-oqsma tal-agrikoltura, is-sajd u t-tessili/il-ħwejjeġ. Ġie mitlub titjib f'dawn l-oqsma mill-imsejbin tal-AKP fin-negozjati dwar il-FSE u ġie inkluż fil-ftehim "trampolin" inizjalat.

Il-Kummissjoni tieħu kont sħiħ tas-sitwazzjoni speċifika tal-AKP u l-ħtieġa partikolari tagħhom biex jiżviluppaw u jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom billi jithegġegħ użu usa' ta' inputs kompetittivi u importati. Għalhekk dawn ir-regoli mhux ser jippreġudikaw proposti futuri għal regoli ta' oriġini preferenzjali mill-Komunità lejn żoni ġeografiċi oħrajn. Proposti futuri għar-riforma tar-Regoli ta' Oriġini mill-Kummissjoni ser ikunu elaborati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tagħraf ukoll il-ħtieġa ta' Regoli ta' Oriġini mtejbja fil-FSE, billi jsiru aktar sempliċi, aktar trasparenti, aktar faċli, imtejbja u joffru prevedibbiltà akbar. Dan ser jiżgura li l-Istati tal-AKP jibbenefikaw bis-sħiħ minn aċċess preferenzjali għas-suq billi tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali meħtieġa filwaqt li tiġi evitata ċirkumvenzjoni sabiex ikun żgurat li l-benefiċċji mit-titjib jiġu trasferiti għall-AKP.

Il-Kummissjoni ser tagħmel proposti xierqa mill-iktar fis possibbli biex tinżamm il-possibbiltà għal kumulazzjoni ta' oriġini mal-Pajjiżi u Territorji Barranin.

DIKJARAZZJONI 218/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

dwar l-implimentazzjoni tal-Kapitolu IV

Il-FSE joffri ftuħ bla preċedent tas-suq tal-UE lejn esportaturi minn pajjiżi terzi. Il-miżuri ta' salvagwardja relatati huma wkoll aktar speċifiċi minn dawk fi ftehim ta' kummerċ reġjonali ieħor, waqt li ma jnaqqas il-limitu eżistenti għal dawn il-miżuri. Huma jirriflettu s-sitwazzjoni speċifika u l-interessi tal-AKP u ma jippreġudikawx proposti futuri għal klawnsoli ta' salvagwardja mill-Komunità.

Id-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja huma ta' natura bilaterali. Din is-salvagwardja bilaterali hija għodda importanti li għandha takkumpanja l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għall-partijiet kollha billi jitħarsu l-imsejbin tagħna tal-AKP u tiġi provduta x-xibka ta' sigurtà meħtieġa għal dawk il-produtturi Komunitarji li ser ikollhom jadattaw għall-istabbiliment ta' dan is-suq ġdid liberalizzat.

Sabiex jiġi segwit approċċ bilanċjat, il-ftehim li jistabbilixxi jew li jwassal għall-istabbiliment tal-FSE jipprevedi wkoll li, fl-għażla ta' miżuri bilaterali ta' salvagwardja, tingħata prijorità lil dawk li l-anqas ifixklu l-operat tal-ftehim.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li għandha tingħata l-istess prijorità meta jiġu applikati miżuri bilaterali ta' salvagwardja fil-kuntest tar-regolament tal-FSE dwar l-Aċċess għas-Suq.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-KE li tapplika miżuri bilaterali ta' salvagwardja meta huma ġustifikati, skont il-Kapitolu IV tar-Regolament.

DIKJARAZZJONI 219/07

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

dwar iz-zokkor

Il-Kunsill ifakkar id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Klawnsola ta' Salvagwardja għall-importazzjonijiet ta' zokkor fil-Komunità minn pajjiżi terzi taħt l-arranġamenti EBA, imdaħħla fil-minuti tal-2708 laqgħa tiegħu (Agrikoltura u Sajd), li saret fi Brussell fl-20 ta' Frar 2006¹, li taqra kif ġej:

"Jekk, għal kampanja li saret li tibda tgħodd mill-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni 2008/2009, l-importazzjonijiet, fil-Komunità, taz-zokkor li ġej minn pajjiżi terzi magħmul fil-qafas tar-reġim "Kollox ħliet armati" (EBA) jiżdiedu b'aktar minn 25% meta mqabblin mal-importazzjonijiet li ġejjin minn dan il-pajjiż għall-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni għandha tibda awtomatikament proċedura bl-għan li tiddetermina jekk hemmx il-ħtieġa li jiġu applikati miżuri ta' sospensjoni jew ta' rtirar temporanju tal-konċessjonijiet kummerċjali, tas-sorveljanza jew ta' miżuri oħra ta' salvagwardja."

¹ Ara d-dokument 6538/06 ADD 1 PV/CONS 6 AGRI 51 PECHE 47.

DIKJARAZZJONI 220/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tibqa' marbuta mal-prinċipju li l-proċedura għall-għażla tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun trasparenti, professjonali u organizzata tajjeb biex tiggarantixxi trattament ugwali tal-kandidati kollha, u biex tiżgura s-separazzjoni tad-dmirijiet bejn l-awtorità tal-għażla u l-awtorità li taħtar, sabiex jinħatar il-kandidat li jissodisfa bl-aħjar mod il-kriterji tal-għażla.

Bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li tiġi stabbilita proċedura bħal din u li jiġu mħarsal-prinċipji msemmijin hawn fuq."

DIKJARAZZJONI 221/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Fl-istabbiliment tal-ordni li fiha jiġi pprovdut il-finanzjament Komunitarju għal proġetti taħt l-Inizjattivi Konġunti ta' Teknoloġija fejn l-Istati Membri huma membri fondaturi, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fl-Impriża Konġunta ser jiddefendi l-prinċipji stabbiliti fir-Regoli tal-Parteċipazzjoni tal-FP7, notevolment li l-proposti għandhom jiġu kklassifikati skont il-valutazzjoni minn esperti indipendenti.

Għall-parteċipanti fil-listi kklassifikati jistgħu japplikaw kriterji nazzjonali ta' eliġibbiltà, bil-kondizzjoni li dawn il-kriterji jkunu oġġettivi u jkunu mniżżlin b'mod ċar u miftuħ fis-sejħiet għal proposti relatati. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-kriterji nazzjonali ma jikkontradixxux il-prinċipji ta' trasparenza, eċċellenza u trattament ugwali.

Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li jekk kriterju partikolari nazzjonali ta' eliġibbiltà ma jiġix sodisfatt, dan ma jaffettwax il-klassifika tal-proġetti skont l-evalwazzjoni indipendenti sakemm in-nuqqas ta' finanzjament nazzjonali ma jimminax il-vijabbiltà ġenerali tal-proġett."

DIKJARAZZJONI 222/07

Dikjarazzjoni tal-Ġermanja

"Il-Ġermanja tosserva bi tħassib il-proċess ta' inklużjoni progressiva ta' korpi Komunitarji deċentralizzati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll tal-Komunitajiet rigward l-Immunitajiet u l-Privileġġi tat-8 ta' April 1965 u jiddispijaċiha li permezz tal-inklużjoni tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ttieħed pass ieħor f'din id-direzzjoni.

Diġà waqt l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta tal-ITER, il-Ġermanja kienet għamlet rimarki kritiċi u tfakkar fid-dikjarazzjoni għall-minuti magħmula f'dan il-kuntest. Fl-Impriża Konġunta tal-ITER, il-parteciċipazzjoni tas-settur privat kienet eskluża u ċertu komparabbiltà ma' aġenziji eżekuttivi tista' tkun argumentabbli. Dan mhuwiex, madankollu, il-każ rigward l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti attwali.

Il-Ġermanja tfakkar fil-ħtieġa li jitwettaq skambju ta' fehmiet ġenerali rigward l-adeqwatezza li jingħataw privileġġi u immunitajiet fl-Ewropa magħquda, partikolarment rigward korpi Komunitarji deċentralizzati. Il-Ġermanja kienet diġà staqsiet għal skambju ta' fehmiet ġenerali bħal dan f'diversi okkażjonijiet, flimkien ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni tat il-qbil tagħha għaż-żamma ta' dibattitu bħal dan f'firxa ta' żmien adatta diġà f'konnessjoni mal-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Protezzjoni tal-Fruntieri f'Marzu 2004.

Il-Ġermanja ssostni wkoll il-fehma li l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE għall-persuni kollha impjegati ma' stabbilimenti Komunitarji għandha tkun ittrattata restrittivament. Il-Ġermanja tikkritika ħafna li r-Regolamenti tal-Persunal tal-KE issa ser ikunu applikati għal sħubijiet pubbliku-privat li fil-parti l-kbira tagħhom ser ikunu ffinanzjati, mhux minn fondi tal-UE, iżda minn fondi privati. Għalhekk, il-Ġermanja tistaqsi lill-Kummissjoni biex tipproċedi għal valutazzjoni mill-ġdid, fil-prinċipju, tal-applikazzjoni li qed issir dejjem aktar u aktar estensiva, u parzjalment mhux aktar funzjonali, tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE, inklużi approċċi alternattivi possibbli."

DIKJARAZZJONI 223/07

Dikjarazzjoni minn Franza u l-Ġermanja

"Rigward l-inizjattivi teknoloġiċi konġunti ARTEMIS u ENIAC, ir-Repubblika Franċiża u l-Ġermanja jenfasizzaw l-importanza tal-proċedura tal-Artikolu 13(5)(b) tal-istatuti li tipprevedi li "il-Parteċipanti prospettivi u l-kontribut tagħhom għall-proposti tal-Proġett għandhom jiġu vverifikati mill-Impriża Konġunta, abbażi tal-verifiki previsti mill-awtoritajiet pubbliċi rispettivi, skont il-kriterji ta' eliġibbiltà nazzjonali u tal-Impriża Konġunta pre-definiti għal finanzjament. ".

F'dan il-qafas, dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-proċedura ta' verifika mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-Impriża Konġunta jistgħu jinkludu l-impatt fuq il-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi.

Barra minn dan, dawn l-Istati Membri jfakkru li l-proċedura ta' evalwazzjoni u għażla ser tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' trattament ugwali, eċċellenza u kompetizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 13(5)(c) tal-Istatuti."

DIKJARAZZJONI 224/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tibqa' marbuta mal-prinċipju li l-proċedura għall-għażla tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun trasparenti, professjonali u organizzata sew biex tiggarantixxi trattament ugwali tal-kandidati kollha, u biex tiżgura s-separazzjoni tad-doveri bejn l-awtorità tal-għażla u l-awtorità li taħtar, biex jinħatar il-kandidat li jissodisfa bl-aħjar mod il-kriterji tal-għażla.

Bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li tiġi stabbilita proċedura bħal din u li jiġu mħarsal-prinċipji msemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI 225/07

Dikjarazzjoni tal-Ġermanja

Bi tħassib il-Ġermanja tosserva l-proċess ta' inklużjoni progressiva ta' korpi Komunitarji deċentralizzati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll tal-Komunitajiet rigward l-Immunitajiet u l-Privileġġi tat-8 ta' April 1965 u jiddispijaċiha li permezz tal-inklużjoni tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ttieħed pass ieħor f'din id-direzzjoni.

Diġà waqt l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta tal-ITER, il-Ġermanja kienet għamlet rimarki kritiċi u tfakkar fid-dikjarazzjoni għall-minuti magħmula f'dan il-kuntest. Fl-Impriża Konġunta tal-ITER, il-parteċipazzjoni tas-settur privat kienet eskluża u ċertu komparabbiltà ma' aġenziji eżekuttivi tista' tkun argumentabbli. Dan mhuwiex, madankollu, il-każ rigward l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti attwali.

Il-Ġermanja tfakkar fil-ħtieġa li jitwettaq skambju ta' fehmiet ġenerali rigward l-adeqwatezza li jingħataw privileġġi u immunitajiet fl-Ewropa magħquda, partikolarment rigward korpi Komunitarji deċentralizzati. Il-Ġermanja kienet diġà staqsiet għal skambju ta' fehmiet ġenerali bħal dan f'diversi okkażjonijiet, flimkien ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni tat il-qbil tagħha għaż-żamma ta' dibattitu bħal dan f'firxa ta' żmien adatta diġà f'konnessjoni mal-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Protezzjoni tal-Fruntieri f'Marzu 2004.

Il-Ġermanja ssostni wkoll il-fehma li l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE għall-persuni kollha impjegati ma' stabbilimenti Komunitarji għandha tkun ittrattata restrittivament. Il-Ġermanja tikkritika ħafna li r-Regolamenti tal-Persunal tal-KE issa ser ikunu applikati għal sħubijiet pubbliku-privat li fil-parti l-kbira tagħhom ser ikunu ffinanzjati, mhux minn fondi tal-UE, iżda minn fondi privati. Għalhekk, il-Ġermanja tistaqsi lill-Kummissjoni biex tipproċedi għal re-valutazzjoni fil-prinċipju tal-applikazzjoni li qed issir dejjem aktar estensiva, u parzjalment mhux aktar funzjonali, tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE, inklużi approċċi alternattivi possibbli.

DIKJARAZZJONI 226/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

L-istruttura ta' sħubija tal-JTI Sema Nadif ġiet żviluppata abbażi diskussjonijiet aktar fil-fond mal-industrija u l-Istati Membri matul aktar minn sentejn. Il-proċess ta' għażla kien ibbażat fuq il-kriterji ta' eċċellenza, ftuħ u trasparenza, u l-Kummissjoni ser tiżgura li dawn il-kriterji ser jibqgħu jiġu applikati fl-implimentazzjon tal-ITK.

F'konformità mal-prinċipji prinċipali tal-Programm Qafas, ir-rwol tal-Kummissjoni fl-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti kollha ser ikun dejjem li jiġi żgurat l-oġġla livell ta' eċċellenza permezz ta' proċeduri kompetittivi.

DIKJARAZZJONI 227/07

Dikjarazzjoni minn Spanja u d-Danimarka

Spanja u d-Danimarka jikkunsidraw li l-prinċipji bażiċi ta' ftuħ u trasparenza għandhom jiġu rrispettati strettament fil-JTIs kollha. B'mod partikolari, u fir-rigward ta' Sema Nadif, Spanja u d-Danimarka ddefendew il-hteġa li jiġu implimentati sejħiet miftuħa u kompetittivi għal proposti biex jiġi żgurat aċċess ekwu għall-partiċipanti mill-Istati Membri kollha abbażi ta' eċċellenza.

Fid-dawl ta' dan kollu msemmi hawn fuq, Spanja u d-Danimarka jixtiequ jagħmluha ċara li Sema Nadif m'għandux ikun preċedent għal JTIs futuri jew għal strumenti oħrajn tal-FP7 u jikkunsidraw essenzjali li l-partiċipazzjoni fuq l-istess livell tkun iggarantita mill-Istati Membri kollha.

DIKJARAZZJONI 228/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tibqa' marbuta mal-prinċipju li l-proċedura għall-għażla tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun trasparenti, professjonali u organizzata sew biex tiggarantixxi trattament ugwali tal-kandidati kollha, u biex tiżgura s-separazzjoni tad-doveri bejn l-awtorità tal-għażla u l-awtorità li taħtar, biex jinħatar il-kandidat li jissodisfa bl-aħjar mod il-kriterji tal-għażla.

Bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li tiġi stabbilita proċedura bħal din u li jiġu mħarsal-prinċipji msemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI 229/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Fl-istabbiliment tal-ordni li fiha ser jiġi pprovdut il-finanzjament Komunitarju għal proġetti taħt l-Inizjattivi Konġunti ta' Teknoloġija fejn l-Istati Membri huma membri fondaturi, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fl-Impriża Konġunta ser jiddefendi l-prinċipji stabbiliti fir-Regoli tal-Parteċipazzjoni fl-FP7, notevolment li l-proposti għandhom jiġu kklassifikati skont il-valutazzjoni minn esperti indipendenti.

Għall-parteċipanti fil-listi kklassifikati jistgħu japplikaw kriterji nazzjonali ta' eliġibbiltà, bil-kondizzjoni li dawn il-kriterji jkunu oġġettivi u jkunu mniżżlin b'mod ċar u miftuħ fis-sejħiet għal proposti relatati. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-kriterji nazzjonali ma jikkontradixxux il-prinċipji ta' trasparenza, eċċellenza u trattament ugwali.

Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li jekk kriterju partikolari nazzjonali ta' eliġibbiltà ma jiġix sodisfatt, dan ma jaffettwax il-klassifika tal-proġetti skont il-valutazzjoni indipendenti sakemm in-nuqqas ta' finanzjament nazzjonali ma jimminax il-vijabbiltà ġenerali tal-proġett.

DIKJARAZZJONI 230/07

Dikjarazzjoni tal-Ġermanja

Bi tħassib il-Ġermanja tosserva l-proċess ta' inklużjoni progressiva ta' korpi Komunitarji deċentralizzati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll tal-Komunitajiet rigward l-Immunitajiet u l-Privileġġi tat-8 ta' April 1965 u jiddispjaċiha li permezz tal-inklużjoni tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ttieħed pass ieħor f'din id-direzzjoni.

Diġà waqt l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta tal-ITER, il-Ġermanja kienet għamlet rimarki kritiċi u tfakkar fid-dikjarazzjoni għall-minuti magħmula f'dan il-kuntest. Fl-Impriża Konġunta tal-ITER, il-partekipazzjoni tas-settur privat kienet eskluża u ċertu komparabbiltà ma' aġenziji eżekuttivi tista' tkun argumentabbli. Dan mhuwiex, madankollu, il-każ rigward l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti attwali.

Il-Ġermanja tfakkar fil-ħtieġa li jitwettaq skambju ta' fehmiet ġenerali rigward l-adeqwatezza li jingħataw privileġġi u immunitajiet fl-Ewropa magħquda, partikolarment rigward korpi Komunitarji deċentralizzati. Il-Ġermanja kienet diġà staqsiet għal skambju ta' fehmiet ġenerali bħal dan f'diversi okkażjonijiet, flimkien ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni tat il-qbil tagħha għaż-żamma ta' dibattitu bħal dan f'firxa ta' żmien adatta diġà f'konnessjoni mal-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Protezzjoni tal-Fruntieri f'Marzu 2004.

Il-Ġermanja ssostni wkoll il-fehma li l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE għall-persuni kollha impjegati ma' stabbilimenti Komunitarji għandha tkun ittrattata restrittivament. Il-Ġermanja tikkritika ħafna li r-Regolamenti tal-Persunal tal-KE issa ser ikunu applikati għal sħubijiet pubbliku-privat li fil-parti l-kbira tagħhom ser ikunu ffinanzjati, mhux minn fondi tal-UE, iżda minn fondi privati. Għalhekk, il-Ġermanja tistaqsi lill-Kummissjoni biex tipproċedi għal re-valutazzjoni fil-prinċipju tal-applikazzjoni li qed issir dejjem aktar estensiva, u parzjalment mhux aktar funzjonali, tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE, inklużi approċċi alternattivi possibbli.

DIKJARAZZJONI 231/07

Dikjarazzjoni minn Franza u l-Ġermanja

Rigward l-inizjattivi teknoloġiċi konġunti ARTEMIS u ENIAC, ir-Repubblika Franċiża u l-Ġermanja jenfasizzaw l-importanza tal-proċedura tal-Artikolu 13(5)(b) tal-istatuti li tipprevedi li "il-Partekipanti prospettivi u l-kontribut tagħhom għall-proposti tal-Proġett għandhom jiġu vverifikati mill-Impriża Konġunta, abbażi tal-verifiki previsti mill-awtoritajiet pubbliċi rispettivi, skont il-kriterji ta' eliġibbiltà nazzjonali u tal-Impriża Konġunta pre-definiti għal finanzjament. ".

F'dan il-qafas, dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-proċedura ta' verifika mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-Impriża Konġunta jistgħu jinkludu l-impatt fuq il-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi.

Barra minn dan, dawn l-Istati Membri jfakkru li l-proċedura ta' valutazzjoni u għażla ser tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' trattament ugwali, eċċellenza u kompetizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 13(5)(c) tal-Istatuti.

DIKJARAZZJONI 232/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tibqa' marbuta mal-prinċipju li l-proċedura għall-għażla tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun trasparenti, professjonali u organizzata sew biex tiggarantixxi trattament ugwali tal-kandidati kollha, u biex tiżgura s-separazzjoni tad-doveri bejn l-awtorità tal-għażla u l-awtorità li taħtar, biex jinħatar il-kandidat li jissodisfa bl-aħjar mod il-kriterji tal-għażla.

Bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li tiġi stabbilita proċedura bħal din u li jiġu mħarsal-prinċipji msemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI 233/07

Dikjarazzjoni tal-Ġermanja

Bi tħassib il-Ġermanja tosserva l-proċess ta' inklużjoni progressiva ta' korpi Komunitarji deċentralizzati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll tal-Komunitajiet rigward l-Immunitajiet u l-Privileġġi tat-8 ta' April 1965 u jiddispijaċiha li permezz tal-inklużjoni tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ttieħed pass ieħor f'din id-direzzjoni.

Diġà waqt l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta tal-ITER, il-Ġermanja kienet għamlet rimarki kritiċi u tfakkar fid-dikjarazzjoni għall-minuti magħmula f'dan il-kuntest. Fl-Impriża Konġunta tal-ITER, il-parteċipazzjoni tas-settur privat kienet eskluża u ċertu komparabbiltà ma' aġenziji eżekuttivi tista' tkun argumentabbli. Dan mhuwiex, madankollu, il-każ rigward l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti attwali.

Il-Ġermanja tfakkar fil-ħtieġa li jitwettaq skambju ta' fehmiet ġenerali rigward l-adeqwatezza li jingħataw privileġġi u immunitajiet fl-Ewropa magħquda, partikolarment rigward korpi Komunitarji deċentralizzati. Il-Ġermanja kienet diġà staqsiet għal skambju ta' fehmiet ġenerali bħal dan f'diversi okkażjonijiet, flimkien ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni tat il-qbil tagħha għaż-żamma ta' dibattitu bħal dan f'firxa ta' żmien adatta diġà f'konnessjoni mal-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Protezzjoni tal-Fruntieri f'Marzu 2004.

Il-Ġermanja ssostni wkoll il-fehma li l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE għall-persuni kollha impjegati ma' stabbilimenti Komunitarji għandha tkun ittrattata restrittivament. Il-Ġermanja tikkritika ħafna li r-Regolamenti tal-Persunal tal-KE issa ser ikunu applikati għal sħubijiet pubbliku-privat li fil-parti l-kbira tagħhom ser ikunu ffinanzjati, mhux minn fondi tal-UE, iżda minn fondi privati. Għalhekk, il-Ġermanja tistaqsi lill-Kummissjoni biex tipproċedi għal re-valutazzjoni fil-prinċipju tal-applikazzjoni li qed issir dejjem aktar estensiva, u parzjalment mhux aktar funzjonali, tar-Regolamenti tal-Persunal tal-KE, inklużi approċċi alternattivi possibbli.

DIKJARAZZJONI 234/07

Dikjarazzjoni mid-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja

Id-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja jenfasizzaw l-importanza li jittieħdu miżuri fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell globali biex jiġu ttrattati s-sorsi ta' tniġġiż transkonfini, speċjalment fir-rigward tal-merkurju. Għalhekk, id-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja jagħmlu sejħa lill-Kummissjoni biex tintensifika l-ħidma tagħha fuq l-Istrateġija Komunitarja tal-Merkurju u biex tippreżenta aktar miżuri biex jittrattaw il-problema tal-merkurju u t-tniġġiż transkonfini ta' merkurju fl-arja. Id-Danimarka, il-Finlandja, u l-Isvezja jissottolinjaw ukoll li l-UE għandha tkun forza qawwija fl-istabbiliment ta' miżuri li huma legalment vinkolanti kontra sorsi ta' merkurju fuq livell globali.

DIKJARAZZJONI 235/07

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja tikkunsidra din id-Direttiva bħala kolonna fundamentali għall-kisba ta' status kimiku tajjeb għall-korpi ta' ilma tal-wiċċ fl-Unjoni Ewropea. L-Italja hija sodisfatta li t-test ta' compromess propost mill-Presidenza għal Direttiva ġdida li tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-ilma jinkludi xi elementi importanti, b'mod partikolari l-possibbiltà għall-Istati Membri biex japplikaw standards ta' kwalità ambjentali għal sediment u/jew bijota għal ċerti sustanzi abbażi tal-fatturi fiżjo-kimiċi tagħhom. Dan ser jippermetti kontroll reali u xieraq ta' tniġġiż kimiku kkawżat minn tali sustanzi. Madankollu, l-Italja mhijiex sodisfatta bid-definizzjoni ta' ċerti standards ta' kwalità ambjentali li mhumix konsistenti mad-dispożizzjonijiet partikolari tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma.

Għad-definizzjoni tal-istandards ta' kwalità ambjentali għas-sustanzi kollha, l-Italja tikkunsidra essenzjali l-applikazzjoni tal-kriterji tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi stabbiliti bid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma. Inkella, l-UE tirriskja li tonqos milli tkun konformi mal-preskrizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2455/2001/KE dwar l-istabbiliment tal-lista ta' sustanzi ta' prijetà, li tirrekjedi għal tali sustanzi l-kisba ta' konċentrazzjoni ta' madwar żero fl-ambjent marittimu sal-2020. Għalhekk, l-Italja titlob lill-Kunsill biex iwettaq negozjati b'mod konstruttiv mal-Parlament Ewropew waqt it-tieni qari tiegħu sabiex jadotta Direttiva ambizzjuża koerenti mad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma għas-sustanzi kollha rilevanti, sabiex jiġi protetti b'mod xieraq l-ilmijiet Ewropej u, fl-istess ħin, is-saħħa taċ-ċittadini Ewropej.

DIKJARAZZJONI 236/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tassisti l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 4, l-Artikolu 5 u l-Anness I, Parti B (punti 2 u 3). Sabiex tiġi assistita l-implimentazzjoni Prattika u teknika ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissjoni sejra għalhekk torganizza skambju ta' informazzjoni u esperjenza bejn l-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet. Dan il-proċess ser jimmira biex jipproduċi dokumenti dwar gwida u l-aħjar Prattika li s-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni ser jipubblikaw malajr kemm jista' jkun. Dan il-proċess ser jiġi organizzat bħala parti mill-qafas ta' kooperazzjoni stabbilit għall-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma.

DIKJARAZZJONI 237/07

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li flegislazzjoni futura għall-qabda u l-ħażna tal-karbonju tingħata konsiderazzjoni għall-kondizzjonijiet speċifiċi meħtieġa minn tali tekniki fir-rigward tal-leġislazzjoni dwar l-iskart.

DIKJARAZZJONI 238/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Fir-rigward tas-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24 ta' din id-Direttiva dwar l-adozzjoni ta' standards minimi għall-permessi msemmijin fl-Artikolu 20 u għar-reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 23, il-Kummissjoni tikkunsidra li tkun meħtieġa valutazzjoni tal-impatt adegwata qabel l-użu ta' kwalunkwe waħda minn dawn is-setgħat.

Il-Kummissjoni tikkostata li l-esklużjoni ta' ħamrija kkontaminata mhux skavata mid-Direttiva Kwadru dwar l-Iskart ma saritx bil-kondizzjoni tal-eżistenza ta' reġim regolatorju ieħor tal-UE li jkopri l-immaniġġar ta' siti kkontaminati. Hija l-fehma tal-Kummissjoni li dan joħloq vojt fil-livell ta' protezzjoni ambjentali mogħtija mil-leġislazzjoni tal-UE. Għalhekk il-Kummissjoni tisħaq dwar il-ħtieġa li dan il-vojt jimtela kemm jista' jkun malajr permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva kwadru dwar il-protezzjoni tal-ħamrija.

DIKJARAZZJONI 239/07

Dikjarazzjoni minn Spanja u l-Italja

Spanja u l-Italja jqisu li l-ġerarkija tal-iskart ta' ħames livelli, fl-Artikolu 11, għandha tapplika bħala regola ġenerali peress li hekk kien approvat b'unanimità mill-Kunsill tal-Ministri, fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2006 (dok. 11103/06) dwar "Strateġija Tematika dwar il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart". B'mod ġenerali, il-ġerarkija tal-iskart hija l-aħjar soluzzjoni għall-ambjent, kemm mil-lat tal-leġislazzjoni kif ukoll mil-lat tal-politika għall-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart. Għalhekk dan għandu jintqal b'mod ċar u mhux bħala sempliċi prinċipju ta' gwida jew orjentament.

Biex jinstab kompromess din il-proposta għal Direttiva ġiet approvata fl-ewwel qari. Nistennew b'interess id-diskussjonijiet futuri mal-Parlament Ewropew.

DIKJARAZZJONI 240/07

Dikjarazzjoni mill-Irlanda u r-Repubblika Ċeka

L-Irlanda u r-Repubblika Ċeka jikkunsidraw li l-inċinerazzjoni għandha tiġi ddefinita dejjem bħala rimi. Id-definizzjoni tagħha bħala rkupru f'din id-Direttiva ser timmina l-isforzi biex tiġi promossa soċjetà ta' riċiklaġġ u l-promozzjoni tat-tnaqqis u l-użu mill-ġdid fil-ġerarkija tal-iskart.

DIKJARAZZJONI 241/07

Dikjarazzjoni minn Franza

Franza tafferma mill-ġdid l-importanza kbira li tagħti lill-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, b'mod partikolari lir-responsabbiltà tal-produttur u d-detentur inizjali tal-iskart sat-trattament aħħari tiegħu. L-esperjenza ta' spiss uriet, u anki reċentement, li l-indeboliment tar-responsabbiltajiet fil-katina tat-trattament jista' jirriżulta deresponsabilizzanti u għalhekk problematiku u jista' jwassal, fil-każ li t-trattament ma jiffunzjonax kif suppost, għal sitwazzjonijiet inaċċettabbli għas-saħħa u l-ambjent. Dan jista' jwassal ukoll biex fl-aħħar jitfa' fuq il-komunità r-responsabbiltà tat-tneħħija tal-iskart trattat ħażin. L-implikazzjoni tal-produttur tal-iskart sat-trattament aħħari hi għażla tajba peress li tħajru jfittex u jagħżel trattamenti ta' kwalità u siguri. Pemezz ta' dan il-prinċipju wieħed jista' jikkontribwixxi wkoll biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' traffiċi illeċiti tal-iskart.

F'dan il-kuntest Franza tafferma mill-ġdid li fil-leġislazzjoni tagħha hi ser tkompli timplimenta dan il-prinċipju ta' responsabbiltà tal-produttur u mhux ser tagħmel użu mill-possibbiltajiet miftuħa mill-Artikolu 13 li jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu kif din ir-responsabbiltà tista' tinqasam fost l-atturi tal-katina tat-trattament. Hi tixtieq li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jibqgħu estremament attenti dwar din il-kwistjoni u li s-segwitu tal-implimentazzjoni tad-Direttiva kif ukoll tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart, li ser jidħol fis-seħħ fit-12 ta' Lulju, jikkonċerna b'mod partikolari din il-kwistjoni.

DIKJARAZZJONI 242/07

Dikjarazzjoni mill-Isvezja, il-Belġju, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u l-Portugall

L-Isvezja, il-Belġju, id-Danimarka, il-Greċja, l-Italja u l-Portugall iżommu tħassib dwar l-inċertezzi mal-ħżin permanenti ta' merkurju metalliku, jiġifieri likwidu.

Madankollu, bl-oġġettiv ta' ftehim bikri mal-Parlament Ewropew, aċċettajna l-kompromess fil-Kunsill.

Ser nipparteċipaw attivament fil-proċess li ġej biex niżviluppaw aktar ir-regolamentazzjoni u nilħqu ftehim dwar projbizzjoni tal-esportazzjoni effettiva u l-ħżin bla peiklu ta' rimi tal-merkurju.

DIĊEMBRU 2007	
ATTI OĦRA	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2836 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ECOFIN), 4 ta' Diċembru 2007 Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' siliko-manganiż li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Każakistan u jtemm il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' siliko-manganiż li joriġinaw fl-Ukrajna Dok. 14945/07 + REV 1 (ro) Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2007/749/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Herzegovina (BiH) Dok. 15049/07 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissau għall-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2007 sal-15 ta' Ġunju 2011 Dok. 14389/07 + COR 1 (It) Konklużjonijiet tal-Kunsill "ECOFIN" dwar is-sorveljanza multilaterali tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali ta' Lisbona tal-2007 Dok. 15432/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill (ECOFIN) - L-impatt ekonomiku tal-migrazzjoni għewwa l-UE dok. 15536/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reviżjoni Lamfalussy 2007 Dok. 15552/07 + COR 1 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport ta' progress ta' l-2007 tal-KSF lil ECOFIN dwar ostakoli prinċipali pendenti għall-iżvilupp tas-swieq Ewropej ta' kapital ta' riskju Dok. 15551/07	astensjoni: IT

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rati tal-VAT minbarra r-rati standard tal-VAT

Dok. 15671/2/07 REV 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra l-frodi fiskali

Dok. 15666/2/07 REV 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)

Dok. 15721/2/07 REV 2

L-2837 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U KONSUMATURI), 5 u 6 ta' Diċembru 2007

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari nazzjonali sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u li jħassru id-Deċiżjonijiet 2003/479/KE tas-16 ta' Ġunju 2003

Dok. 15273/07

Konklużjonijiet tal-Kunsill lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà

Dok. 15497/07 + COR 1 (es) + COR 2 (sk) + COR 3 (pt)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prospetti Futuri għall-Istrateġija Ewropea għall-Impjieg fil-kuntast ta' ċiklu għid tal-Istrateġija ta' Lisbona

Dok 15813/07 + REV 1 (pt)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-awtonomija fil-qasam tal-inklużjoni attiva

Dok 15191/07 + REV 1 (lv) + REV 2 (hu)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing fir-rigward

tan-Nisa u l-Faqar

Dok. 13947/07 + COR 1 (de) + REV 1 (fi) + REV 2 (pt) +ADD 1

+ ADD 1 COR 1

Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar is-Segwitu tas-Sena Ewropea ta'

Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd (2007)

Doc. 15383/07 + REV 1 (lv)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rwoli bilanċjati tan-nisa u l-irġiel għall-impjiegi, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali
Doc. 14136/07 + COR 1 +REV 1 (fi) + REV 3 (pt)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa u l-Migrazzjoni fl-UE
Dok. 15609/07 + REV 1 (sl)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-White Paper tal-Kummissjoni "Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE, 2008-2013"
Dok. 15611/07 + REV 1 (sl)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant tal-Organi
Dok. 15332/07 + REV 1 (sl)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet relatati man-nutrizzjoni, il-piż żejjed u l-obesità
Dok. 15612/07 + REV 1 (sl)

L-2838 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJET INTERNI), 6 u 7 ta' Diċembru 2007

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tar-Riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari u dwar it-Tħejjija Kontra Theddid Bijoloġiku
Dok. 15127/07 + COR 1 (el)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Sistema ta' Twissija Bikrija għat-tsunamijiet fir-reġjun tal-Grigal tal-Atlantiku u l-Mediterran
Dok. 15479/07 + COR (el) + REV 1 (ro)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp u l-istabbiliment ta' Sistemi ta' Twissija Bikrija fl-UE
Dok. 15473/07 + COR 1 (el) + REV 1 (ro)

Konklużjonijiet tal-Kunsill li jadottaw Orjentazzjonijiet u Prijoritajiet Strateġiċi dwar it-titjib tas-sigurtà tal-esplożivi
Dok. 15618/07

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Ħidma dwar miżuri futuri maħsuba biex jimmassimizzaw is-sigurtà u s-sikurezza b'konnessjoni ma' logħbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali
Dok. 15615/07

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Manwal għall-awtoritajiet tal-pulizija u tas-sigurtà fir-rigward tal-kooperazzjoni f'avvenimenti maġġuri b'dimensjoni internazzjonali

Dok. 14143/3/07 REV 3

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni, imfassla abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, mal-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, mal-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 u mat-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997

Dok. 14549/07 + COR 1

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997, imfassla fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-għajjnuna reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali

Dok. 14546/07 + COR 1 (es) + COR 2 (it)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-traffikar ta' droga tul ir-rotta tal-kokaina

Dok. 15483/07

Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/108/PESK li testendi l-mandat tar- Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sudan

Dok. 15327/07

Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

Dok. 14628/07

Azzjoni konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

Dok. 14805/07 + COR 1 + COR 2 (da) + REV 1 (ro)

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2006/807/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

Dok. 15028/07

Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li taħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana

Dok. 13814/07

Dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Ewropa li tistabbilixxi "Jum Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt"	
Dok. 12007/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-rwol tal-Eurojust u tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea	
Dok. 15176/1/07 REV 1	
L-2839 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERN), 10 ta' Diċembru 2007	
Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea bil-ksieb tas-sitt laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mal-Ġordan	
Dok. 15714/07	
Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-abbozz ta' dikjarazzjoni ministerjali dwar is-sħubija Ewro-Mediterranja dwar l-enerġija	
Dok. 16039/07	
Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea bil-ksieb tar-raba' laqgħa tal-Kunsill ta' Sħubija Permanenti UE-Russja	
Dok. 16026/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Operazzjoni ALTHEA	
Dok. 16179/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan	
Dok. 16237/07 + COR 1	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja	
Dok. 16051/07 + COR 1 (fi)	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Trattat internazzjonali legalment vinkolanti dwar il-Kummerċ fl-Armi	
Dok. 15850/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fpajjiżi terzi	
Dok. 15855/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal	dikjarazzjoni: 194/07 (DE)
Dok. 16058/07	

Deċiżjoni tal-Kunsill li ttipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja
Komunitarja lil-Libanu
Dok. 13172/07

Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1858/2005 li
jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula, u
ċimi, tal-azzar li joriġinaw, inter alia, mill-Afrika t'Isfel
Dok. 15564/07

Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-
importazzjoni ta' lighters tal-but, tal-gass u ż-żnied, li ma jistgħux jerġgħu
jimtlew, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u kunsinnati jew
joriġinaw mit-Tajwan u fuq l-importazzjoni ta' ċerti lighters tal-but, taż-
żnied, li jistgħu jerġgħu jimtlew, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-
Ċina u kunsinnati jew joriġinaw mit-Tajwan
Dok. 15166/07 + COR 1 (de)

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' ftehim
fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-
Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-
Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti
Dok. 14964/07

Regolament tal-Kunsill dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti tal-azzar bejn il-
Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kazakistan
Dok. 14644/07

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward ta' Deċiżjoni
tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-KE u tal-ex Repubblika
Jugoslava tal-Maċedonja li jemenda l-Protokoll 2 (dwar il-prodotti tal-azzar)
għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni
Dok. 14066/1/07 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubijiet ta' Mobbiltà u l-Migrazzjoni
Ċirkolari fil-qafas tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni
Dok. 16283/07

Pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-
Enerġija (Belgrad, it-18 ta' Diċembru 2007)
Dok. 15459/1/07 REV 1 + REV 1 COR 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tkabbir
Dok. 16365/07

L-2840 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERN), 10 ta' Diċembru 2007

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan u ċ-Ċad
Dok. 16395/07

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent
Dok. 16003/3/07 REV 3

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani
Dok. 16178/07

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu
Dok. 16204/1/07 REV 1

Proċedura bil-miktub kompletata fit-13 ta' Diċembru 2007

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9 C(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 205(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bejn l-1 ta' Novembru 2014 u l-31 ta' Marzu 2017 min-naħa l-waħda, u mill-1 ta' April 2017 min-naħa l-oħra
Dok. 16013/07

Proċedura bil-miktub kompletata fil-14 ta' Diċembru 2007

Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni Komunitarja fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika ta' Cape Verde fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ
Dok. 16263/07

dikjarazzjoni:
195/07 (COM)

L-2841 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), 17, 18 u 19 ta' Diċembru 2007

Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3491/90 dwar l-importazzjoni ta' ross li joriġina fil-Bangladexx
Dok. 14891/07 + REV 1 (en, el, es, fi, ee, hu, nl, sv, lv, lt, mt, pl, bu)
+ REV 1 COR 1 (ee, nl) + REV 2 (fi)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija ġdida għas-saħħa tal-annimali għall-Unjoni Ewropea (2007-2013) fejn "Il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura"
15481/07 ADD 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tas-sostenibbiltà fl-industriji tas-sajd permezz ta' produzzjoni sostenibbli massima Doc. 15321/07 + COR 2 (da) + COR 3 (lv)	
Regolament tal-Kunsill li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2007 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati fir-rigward tagħhom Dok. 15556/07	
L-2842 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), 20 ta' Diċembru 2007	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Komunità dwar il-proposta għall-emendament tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR 1975) Dok. 15471/07	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja Dok. 15885/07	dikjarazzjonijiet: 208/07 (Kunsill)
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Protokoll għall-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja Dok. 15945/07	dikjarazzjonijiet: 209/07 (BE)
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Dok. 15895/07	dikjarazzjonijiet: 210/07 (IT)
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta Dok. 16131/07	
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru Dok. 16130/07	
Pożizzjonijiet Komuni tal-UE bil-ħsieb tal-Konferenzi mal-Kroazja u t-Turkija dwar l-Adeżjoni Dok. 16672/07	

Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi, għas-sena finanzjarja 2008, il-kalendarju għas-sejthiet għal kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp Dok. 15986/07 + COR 1 (el)	dikjarazzjonijiet: 215/07 (COM) 216/07 (FR)
Regolament tal-Kunsill li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) stipulati fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew iwasslu biex jiġu stabbiliti Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika Dok. 14970/07 + COR 1 + REV 1 (en) + REV 1 COR 1 (en)	astensjoni: PL dikjarazzjonijiet: 217-218/07 (COM) 219/07 (Kunsill)
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 li jirrigwarda l-modifika tal-kwota tat-tariffi tad-WTO għall-butir tan-New Zealand prevista fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 Dok. 15930/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2007 dwar il-Maniġġar mill-Kummissjoni tal-programm CARDS Dok. 16036/07	
Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo) Dok. 16226/07	
Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari tal-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet tal-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja Dok. 16169/07	
Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li tagħgorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/448/PESK Dok. 16092/07 + ADD 1 REV 1	
Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2003/445/KE Dok. 16093/07 + ADD 1 REV 1	

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kooparezzjoni mal-Afrika tal-Punent fil-qasam tad-drogi Dok. 15656/07	
Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2007 bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards tal-kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika dwar l-ilma u li temenda d-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u 2000/60/KE Dok. 11486/3/07 REV 3 + REV 3 ADD 1	dikjarazzjoni: 234/07 (DK, FI, SE) 235/07 (IT) 236/07 (COM)
Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi Dok. 11406/4/07 REV 4 + REV 4 ADD 1	dikjarazzjoni: 237/07 (Kunsill, COM) 238/07 (COM) 239/07 (ES, IT) 240/07 (IE, CZ) 241/07 (FR)
Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2007 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni tal-esportazzjonijiet u l-ħażna sigura tal-merkurju metalliku Dok. 11488/1/07 REV 1 + REV 1 ADD 1	dikjarazzjoni: 242/07 (SE, BE, DK, EL, IT, PT)
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ambjent u s-Saħħa Dok. 16154/07	